MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Numru 1258/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Jamal Abdullah**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jamal Abdullah ta’ 27 sena, iben Abdul Naser u Mariam, ta’ nazzjonalita Sirjana, imwielda Sukhneh fl-1 ta’ Jannar 1980 u residenti Saphire, Flat 2, Triq il-Hubbejza, Rabat. Detentur ta’ passaport Sirjan numru 4960809 u karta ta’ l-identita

Maltija numru 26552(A) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Ottubru 2003, bhala ragel mizzewweg lil Alyaa Tlaas, Sirjana u ghanda passaport Sirjan numru 007-04-0006651, u fil-waqt li kien isehh dan iz-zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor ma Ritian Vella, Maltija li ghanda numru ta' l-identita 571677M.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 196 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jamal Abdullah, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat ammetta l-akkuza fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Jamal Abdullah ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba'

(4) snin millum l-imputat Jamal Abdullah jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jamal Abdullah l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------